KUNSILL LOKALI SANTA VENERA
Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**10/18**

**Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera msejha b'urgenza skond artikolu 29A, Taqsima II tal-att Dwar Kunsilli Lokali li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru, 2011, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.**

**Preżenti:**

Sur Horace J. Anastasi – Sindku
Sur Ronald Briffa – Vici Sindku
Sur Carmel Camilleri – Kunsillier
Sinj. Mariella Micallef – Kunsilliera
Sur Stephen Sultana – Kunsillier
Sur Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Sur Edwin Formosa - Kunsillier

Joseph M. Formosa – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Agenda: Amministrazzjoni fil-Kunsill Lokali ta' Santa Venera**

Qabel bdiet il-laqgħa sar qbil mill Kunsillieri kollha preżenti li l-laqgħa setgħet tibda fis-6.45pm u mhux kif avżat fis-7.30pm.

Il-laqgħa bdiet fis-6.45pm.

**Ftuħ tal-laqgħa**

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega li xtaq jelenka diversi punti li fil-fehma tiegħu qed jeffetwaw ħażin l-Amministrazjoni tal-Kunsill Lokali Santa Venera.

**(1) Validita tal-laqgħa tat-13 ta Ġunju 2011**

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu d-Dipartiment tal-Gvern Lokali (DLG) ma kienx korrett meta ddeċieda li din il-laqgħa ma setgħetx issir minħabba nuqqas ta' quorum. Is-Sindku qal li issa li l-Kunsill daħħal lill-avukat Dr Richard Sladden sabiex jitkellem ma l-avukat tad-DLG huwa għandu jifhem li din il-posizjoni għandha tiġi riżolta u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jibqa miexi bla aktar tfixkil.

**(2) Segretarju Eżekuttiv full time**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jibqa jaħdem mingħajr Segretarju Eżekuttiv li ma jkunx full time. Il-Kunsill qed isofri. Qed isofri l-lokal u għalhekk huwa importanti li jsir kambjament.

Fl-istess waqt lill Aġent Segretraju Eżekuttiv nitolbuh li kemm jista' ikun jara li l-preżenza tiegħu tinħass aktar.

Is-servizz li jagħti l-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sur Joseph M. Formosa huwa utili għall-Kunsill, iżda dan mhux biżżejjed.

Is-Sindku qed jipproponi li l-Kunsill jiltaqa b'urġenza sabiex jara kif ikun jista' jagħżel Segretarju Eżekuttiv ġdid billi jkompli fuq il-lista ta l-għażla tal-kandidati li diġa ġew intervistati mill-bord tal-għażla appuntat mill-Kunsill u b'hekk b'sistema tat-tieni interview wara short listing, l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv tkun tista ssir mill-Kunsill. Is-Sindku stqarr ukoll li talab lid-DLG biex jagħżlilna Segretarju.

Il-Kunsillier Sur Carmel Camilleri qal li kien qed jaqbel ma din il-proposta għaliex huwa ma kienx lest li jerġa jgħaddi sigħat twal billi jintervista kandidati prospettivi bħal ma diġa għamel.

Is-Sur Stephen Sultana qal li baqa ma jaqbilx mal-Bord tal-Għażla li għamel l-intervisti tal-kandidati prospettivi kif preżentati mid-DLG.

**Pagament tal-onorarja lill-Kunsillieri**

Is-Sindku qal li huwa kien f'kuntatt mad-DLG dwar il-pagament xieraq ta din l-onorarja peress li huwa ma kienx kuntent jara n-nuqqas ta' attendenza ta Kunsillieri waqt il-laqgħat tal-Kunsill.
Saret diskusjoni dwar meta Kunsillier ikun jista jiġi konsiderat bħala assenti u meta Kunsillier jista' jiġi skużat.

Is-Sindku qal li kien qed jipproponi li għal-perjodu ta' Jannar sa Marzu, 2011 l-pagamnet ta' onorarja jkun sħiħ iżda bejn April sa Ġunju, 2011 dan ikun imħallas skond l-attendenza, liema lista ta' attendenza sejra tiġi preżentata lill-Kunsillieri kollha għall-attenzjoni u l-kummenti kollha. Dawk il-Kunsillieri li ma kienux preżenti u ma infurmawx lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv personali dwar li għandhom jiġu skużati waqt il-laqgħa kienu sejrin jitniżlu assenti. Is-Sindku fakkar ukoll illi xhur ilu, waqt laqgħa tal-Kunsill kien ukoll fakkar lill-Kunsillieri li sabiex jiġu skużati riedu jiktbu lis-Segretarju personali ħin sewwa qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Saret diskusjoni u ġie deċiż illi sabiex jiġi skużat, Kunsillier għandu jibgħat SMS lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv qabel il-laqgħa kif ukoll e-mail. Mal-laqgħa li ssegwi dik il-laqgħa li għaliha ma jkunx jista jattendi, l-Kunsillier għandu jippreżenta kopja tal-e mail li juri li kien diġa informa lis-Segretarju Eżekuttiv dwar in-nuqqas tiegħu / tagħha.

Is-Sindku qal li dak li qed jingħad għandu jinġieb għall-attenzjoni u approvazjoni tad-DLG.

**Ħinjiet tal-Uffiċju**

Is-Sindku qal li xtaq jagħmel l-arranġamenti sabiex filwaqt li l-pubbliku jkun moqdi aħjar ma jkunx hemm stress żejjed fuq l-iskrivani u għalhekk kien qed jipproponi din is-sistema ta' ħidma b'seħħ mit 3 ta' Ottubru, 2011

Ms Maria Aquilina: 8.00am – 4pm
Mr Lino Busuttil: 7.30am – 3.30pm

**Ħinijiet tal-Pubbliku**

8.00am – 3.00pm

**Ftuħ u għeluq tal-latrina fi Triq il-Kbira San Ġużepp**

Is-Sindku qal li kien qed jara dwar dawn il-ħinijiet sabiex filwaqt li din tkun ta servizz ma jkunx hemm abbuż u jew vandaliżmu. Is-Sindku qal li jekk din tingħalaq fis-6.00pm dan ikun biżżejed.

**Ftuħ u għeluq Ġnien Romeo Romano**

Is-Sindku qal li kien qed jara dwar dan peress li dalwaqt jibda jidlam kmieni u ma jixtieqx li jkompli jkun hemm vandaliżmu li għalih qed iħallas l-Kunsill meta jkun qed isewwi fejn jiġi vandaliżżat.

**Staff tal-Kunsill – Ms Maria Aquilina**

Is-Sindku allega li din l-impjegata li hija fi skala 13 u li ilha xi snin imjegata mal-Kunsill mhux qed tagħmel ix-xogħol meħtieġ fil-posizjoni u l-grad tagħha. Huwa elenka diversi

nuqqasijiet li fil-fehma tiegħu qed jeffetwaw ħażin l-amministrazjoni u effiċjenza tal-Kunsill. Is-Sindku fakkar li meta l-iskrivana daħlet fi Skala 13 ma kelliex is-suġġetti rikjesti fir-regolamenti.

Is-Sindku qal li huwa kien ta' diversi warnings verbali u bl-ittri lill din l-impjegata iżda fil-fehma tiegħu l-posizjoni ma marritx għal aħjar għaliex meta jkun hemm sinjali ta' titjib dawn ma jkunux fit-tul u malajr is-sitwazjoni terġa taqa lura. Is-Sindku żied li anke l-Aġent Segretarju kien ta diversi warnings lil istess skrivana.

Is-Sur Stephen Sultana qal li meta l-Kunsill ikun qed jiddiskuti l-istaff tal-Kunsill ikun xieraq u sewwa li dan l-impjegat/a ikun preżenti u fejn ukoll jista' iwiġeb għall-allegazjonijiet li jkunu qed isiru.

Is-Sindku wieġeb li huwa kien ilu jitlob li jkun hemm titjib fil-ħidma u l-ko-ordinament tal-impjegata u dan jidher f'diversi minuti preċedenti.

F'dan l-istadju s-Sindku qal li fiċ-ċirkostanzi preżenti u peress li din l-impjegata Ms Maria Aquilina baqgħet ma rranġatx in-nuqqasijiet tagħha anke meta hija ingħatat kull opportunita li tagħmel dan, huwa kien qed jipproponi li l-Aġent Segretarju jikteb lid-DLG biex jara jekk tistax din l-Iskrivana minn Skala 13 tinżel għal Skala 15 mill-1 ta' Ottubru, 2011. Din il-proposta ssekonda s-Sur Ronald Briffa.

Din il-proposta marret għal vot.

Favur – Horace J. Anastasi – Sindku
Ronald Briffa – Viċi Sindku
Carmel Camilleri – Kunsillier
Mariella Micallef – Kunsilliera

Kontra – Stephen Sultana – Kunsillier
Cleaven Christian Bugeja – Kunsillier
Edwin Formosa – Kunsillier

Astenzjonijiet - Ħadd

Din il-proposta għaddiet.

Il-Kunsill qabel li dwar dan għandu jiġi nfurmat id-Dipartiment tal-Gvern Loklai sabiex jagħti l-istruzjonijiet tiegħu lill-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**Bini alternattiv tal-Kunsill Lokali Santa Venera**

Is-Sindku qal li huwa kien diġa qajjem dan f'diversi laqgħat tal-Kunsill u li saru diversi talbiet lill-Awtoritajiet sabiex il-Kunsill jingħata bini li jkun aktar aċċessibli kemm għall-pubbliku kif ukoll għall-Kunsillieri li uħud minnhom qed isofru hardship kemm permezz ta saħħa kif ukoll hemm min li diġa għamel operazjoni f'qalbu.

Is-Sindku qal li għandha issir pressjoni fuq l-awtoritajiet speċjalment fuq is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said li huwa responsabli ukoll mill-Kunsilli Lokali sabiex igħin lill-Kunsill isisb bini alternattiv u b'hekk il-Kunsill ikun jista jaqdi lill-pubbliku aħjar u l-Kunsillieri ma jkollhomx diffikultajiet żejda sabiex jattendu fil-bini tal-Kunsill.

**Għeluq tal-laqgħa**

Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm sine die.

Joseph M. Formosa<br>Aġent Segretarju Ezekuttiv

Horace J. Anastasi<br>Sindku